# IRRAPPORTA CYBER-ATTACKS U INĊIDENTI BIEX L-AWSTRALJA TIBQA' SIKURA.

## INKITEB

Għas-servizz b'xejn tagħna ta' twissija
**cyber.gov.au**

## IRRAPPORTA

Cybercrime lil REPORTCYBER:
**cyber.gov.au/report**

## IKKUNTATTJA

Ċempel 1300 CYBER1 jew
żur is-sit **cyber.gov.au**
Dan in-numru jista' jintuża a biss fl-Awstralja.

## SEGWINA

Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre

## 5. OQGĦOD ATTENT GĦAL SKEMI QARRIEQA

**Il-kriminali onlajn jużaw email, SMS, telefonati u l-midja soċjali biex jingannawk biex tiftaħ dokument mehmuż, iżżur websajt, tikxef dettalji kif tidħol fl-akkawnt, tikxef informazzjoni sensittiva jew biex tittrasferixxi flus jew gift cards. Dawn il-messaġġi jsiru b'mod li jidhru li qishom li ntbagħtu minn individwi jew organizazzjonijiet li taħseb li taf jew li taħseb li għandek tafda.**

Biex tinduna b'messaġġi ta' skemi qarrieqa, ieqaf u aħseb:

- **Awtorità**: Il-messaġġ qed jindika li hu minn xi ħadd uffiċjali?
- **Urġenza:** Qed jgħidulek li għandek żmien limitat biex tirrispondi?
- **Emozzjoni:** Il-messaġġ qed iġiegħlek tħossok tippanikkja, tibża', tittama jew tħossok kurjuż?
- **Skarsezza:** Il-messaġġ qed joffri xi ħaġa li hi skarsa?
- **Ġrajjiet kurrenti:** il-messaġġ jirrigwarda aħbarijiet kurrenti, ġrajjiet kbar jew żminijiet speċifiċi tas-sena (bħar-rapurtaġġ tat-taxxi)?

Biex tiċċekkja jekk messaġġ huwiex leġittimu:

- Erġa' rrikkori għal xi ħaġa li tista' tafda. Żur il-websajt uffiċjali, idħol fl-akkawnt tiegħek, jew ċempel in-numru tat-telefown tagħhom li jirrekklamaw. Tużax il-links jew dettalji tal-kuntatt fil-messaġġ li ntbagħatlek jew li ngħatajt fuq it-telefown.
- Iċċekkja biex tara jekk is-sors uffiċjali qallekx diġà b'affarijiet li qatt ma jsaqsuk dwarhom. Per eżempju, il-bank tiegħek forsi qallek li qatt m'huma ser jitolbuk il-password tiegħek.




Għal aktar informazzjoni kif tinduna b'messaġġi ta' skemi qarrieqa, ara l-pubblikazzjoni taċ-Ċentru Awstraljan tas-Cyber Security (Australian Cyber Security Centre (ACSC)) 'Detecting Socially Engineered Messages' (Kif tinduna b'Messaġġi Qarrieqa), u żomm ruħek infurmat billi tinkiteb għas-Servizz ta' Twissija tal-ACSC fis-sit **cyber.gov.au.**



# PASSI FAĊLI

## BIEX TIŻGURA T-TAGĦMIR DIĠITALI U L-AKKAWNTS TIEGĦEK

NAQQAS IR-RISKJU LI TKUN FIL-MIRA TA' KRIMINALI ONLAJN BILLI SSEGWI DAWN IL-PASSI LI ĠEJJIN

Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre

# 1. AĠĠORNA T-TAGĦMIR DIĠITALI TIEGĦEK

**Il-kriminali onlajn jiħħekkjaw tagħmir diġitali billi jużaw nuqqasijiet ċari fis-sistemi jew fl-apps. L-aġġornamenti għandhom titjib fis-sigurtà biex jirranġaw dawn in-nuqqasijiet. Issettja t-tagħmir biex l-aġġornamenti jsiru b'mod awtomatiku biex dan isir mingħajr ma jkollok tagħmel xejn.**

Issettja biex l-aġġornamenti jsiru b'mod awtomatiku fuq it-tagħmir kollu tiegħek:

- Il-mowbajl
- Il-laptop
- Il-kompjuter desktop

Iċċekkja regolarment għal aġġornamenti:

- għall-Apps
- għall-Programmi
- Għat-tagħmir smart tiegħek




# 2. GĦAMEL 'ON' L-AWTENTIĊITÀ MULTI-FATTORALI (MFA)

**L-MFA ittejjeb is-sigurtà tiegħek billi tagħmilha aktar diffiċli għall-kriminali onlajn biex jaċċessaw il-fajls jew l-akkawnt tiegħek.**

Attiva l-MFA, billi tibda bl-aktar akkawnts importanti tiegħek:

- L-akkawnts tal-email
- L-akkawnts tal-bank u dawk li għandhom maħżun id-dettalji tal-pagament onlajn
- Midja soċjali




# 3. AGĦMEL BACKUP TAT-TAGĦMIR DIĠITALI TIEGĦEK

**Backup hija kopja diġitali tal-informazzjoni maħżuna fuq it-tagħmir diġitali tiegħek, bħal ritratti, dokumenti, vidjos, u data minn applikazzjonijiet. Tista' tiġi ssejvjata f'tagħmir li jinħażen esternament jew fuq server remot (cloud). Li tagħmel backing up tfisser li tista' ġġib lura l-fajls tiegħek f'każ li xi darba t-tagħmir diġitali tiegħek jintilef, jinsteraq jew iġarrab xi ħsara.**

Agħmel backup tat-tagħmir tiegħek regolarment:

- Il-mowbajl
- Il-laptop
- Il-kompjuter desktop
- It-tablet



# 4. ISSETTJA PASSPHRASES SIKURI

**F'dawk il-każijiet fejn l-MFA mhux disponibbli, ħafna drabi passphrase sikura tkun l-unika ħaġa li tipproteġi l-informazzjoni u l-akkawnts tiegħek mill-kriminali onlajn.**

Passphrase tuża erba' kelmiet jew aktar magħżula bla ħsieb bħala l-password tiegħek. Ibdel il-passwords tiegħek għal passphrases, u ara li huma:

- Twal: Aktar ma tkun twila l-passphrase, aħjar. Minn tal-inqas agħmilha twila b'14-il karattru.
- Imprevedibbli: Uża taħlita bla ħsieb ta' kliem li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin
- Uniċi: Terġax tuża passphrases f'akkawnts diversi

